*Magħruf mal-Mosta kollha. Għandu madwar tmienja u sebgħin sena. Illum jimxi bil-mod. Kliemu meqjus, ħarstu attenta, memorja tajba u ħsiebu ċar u mgħaġġel xorta waħda minkejja s-snin. Għajnejh għadhom qishom ħodor, bl-istess ħarsa ta' żgħożithom. Iżda issa refa' mix-xogħol iebes u ta' ħsieb li kien jagħmel, issa ma jridx aktar intrigu, ħsibijiet u taħbil il-moħħ. Issa hemm uliedu, imexxu huma dak li beda u bena hu mix-xejn. Issa mistrieħ bilqiegħda fil-kċina faċċata tal-ġnien kollu lariġ fuq Wied il-Għasel.*

# Ġużeppi Grech — *il-Paramount*

Lil Ġużeppi l-Paramount sibtu fil-kċina jistennieni. Ma nafx xi jkun dan, bdejt nhewden hu u jkellimni. Ma' min donnok iddum titkellem sigħat, jiem u snin shah u qatt ma tħossok komdu u ma' min tqatta' minuta u tnejn u tħossok sewwa bħallikieku ilek tafu għomrok kollu! Ma' Ġużeppi hekk ġrali. Ħbieb mill-ewwel bħallikieku l-ixjeħ ħbieb! Min jaf x'ikun dan!

Missieru kien jismu Leone u ommu Ġovanna Buhagiar. Missieru kien bin-negozju. Imma Gużeppi qatta' tfulitu bħat-tfal l-oħrajn kollha tal-Mosta jiġru u jilagħbu barra.

"L-iskola kont immur jien," qalli. "Imma tfuliti nilgħab kont ma' shabi tafx! Konna nilagħbu biż-żugraga, biċ-ċirku, rota tonda u biċċa fildiferru niġru bihom mattoroq tal-Mosta, skuter, *bicycle*, blalen taċ-ċraret. Karozzi ma kienx hawn dik il-ħabta. Konna nilagħbu ż-żorba, li kienet logħba tal-boċċi. Kien ikun hemm ċirku bil-ġibs jew bil-ġebla fin-nofs, fit-triq jew hekk, kull min jilgħab imbagħad irid iqiegħed boċċa fiċ-ċirku. Imbagħad naqtgħu u min jiġi jwaddab boċċa u jara x'jolqot.

"U konna nilagħbu bil-lewż għall-ħabta tal-Milied. Konna nagħmlu ħofra fl-art qrib il-ħajt, immorru xi għaxar passi bogħod u nwaddbu l-lewża u min jitfa' l-lewża fil-ħofra tirbaħha. Kien żmien ieħor... Imma ċ-ċirku konna nieħdu pjaċir..."

"Kont insuqu Selmun jien dak Ġużi", għidtlu. "Missieri minn hemm kien..." "Selmun: min jaf kemm tlajna bil-ġwież ma' missieri," qalli waqt li nfexx jidħak. "Għax missieri kien bin-negozju tal-ġwież u konna mmorru għand in-Naħlu, għand Wistin Micallef, kien hemm tal-Qantara. Kien hemm Leli jdoqq il-banda. Konna dejjem induru nqassmu l-ġwież aħna. Jixtri l-qaraboċċ, smida, qamħirrum minn għand l-aġent imbagħd inqassmuh. Missieri Leone kien minn Ħaż-Żebbuġ miżżewweġ hawn il-Mosta. Aħna konna tliet subien u tifla. U missieri għaddej dejjem bit-trakk, il-Mellieħa, Burmarrad, Selmun, Għajn Tuffieħa"

Meta tfarfar beda jmur is-Saint Mary School għand is-Surmast Ellul, Bormla, ħalli jitgħallem xi ħaġa u jidħol it-Tarzna bħala *Writer*. Imma mbagħad bdiet il-gwerra u ommu ma ħallitux imur iktar lejn Bormla. Ġużeppi ried jaqbad ma' missieru bin-negozju tal-ġwież u hekk għamel. Missieru taħulu u taħ it-trakk flimnkien ma' mitejn u ħamsin lira.

"Imma fil-gwerra ġrat xi ħaġa oħra," qalli Ġużeppi. "Bagħat għalija l-Protection Officer, il-Markiż Barbaro Sant u qalli, "Ġużeppi, għandi biċċa xogħol għalik." Għidtlu: "Għidli markiż..." Qalli: "Trid tibda ġġorrli l-għamara mill-Isla, Bormla u l-Birgu għall-Mosta?" Għidtlu li naraw u nippruvaw. U bdejna. Kelli lavrant miegħi li llum għadu ħaj, dam 44 sena miegħi, Karmnu Vella il-Busidi jgħidulu. Meta bdejt kien hemm wieħed, ċertu Franġisk, għidtlu lavrant tajjeb irrid miegħi jien.' Qalli li se jsibli wieħed!' U ġiebli lil Busidi, kien misthi u lanqas jitkellem. Kien bniedem jaħdem u onest daqsu ma ssibx. Tafdah qalb il-ġawhar tista'! Għall-ewwel kien beda jistaħba! Kien imdorri jbaqqan ix-xelters Karmnu Busidi...

"U hekk bdejt jien. Inġorr l-għamara ma' Busidi. Nerfgħu l-għamara u nsuq ukoll jien. Inġorru l-għamara mill-Kottonera fil-gwerra għax hawn il-Mosta kien hawn ħafna refuġjati u konna nġibulhom l-għamara mid-djar tagħhom qabel ma jiġġarrfu bil-bombi tal-Ġermaniżi. Kien jagħtini karta u jgħidli għada trid tmur l-Isla u ġġib din l-għamara. Kienu bdew l-errejds sewwa. U kien jagħtini lira u ħames xelini kull vjaġġ. U nħallas ukoll lil dak li kien hemm miegħi."

Kulħadd jaf li matul il-gwerra l-Maltin batew ġuħ kbir. Smajna kemm-il storja ta' Maltin li kien ikollhom jitrejqu biss b'xi żewġ bajtriet tax-xewk jew inkella jixtru ħarrubu minn għand il-bdiewa. Kull ħarrubu kien jinbiegħ sold. Is-sens ta' negozju f'Ġużeppi ma naqasx, u jixgħel sewwa f'dan l-ambjent ta' xiri u bejgħ.

➥ ikompli paġna 47

Shanti natural products
Health foods
Food supplements
Nutritional courses & advice

Bach Flower Remedies
Bach Flower Remedies
The simple and natural method of establishing complete equilibrium and harmony through the personality by means of wild flowers

241, Main Street • Mosta MST 06 • Tel: 414473 • Fax: 413613

# Ġużeppi Grech

minn paġna 46

## Fi żmien il-gwerra

"Darba xtrajt qabda ħarrub," qalli. "Kien żmien il-gwerra. Kont naqbad iż-żiemel u mmur ma' Karmnu ndur il-bdiewa u nixtri l-ħarrub minn għandhom. Darba xtrajt partita ħarrub, kelli maħżen sa barra kollu ħarrub. U ma kontx nista' nżomm bit-tfal jaħasra, kien hawn ġuħ kbir, kulħadd ġej għall-ħarrub! U jiena kull min jiġi nagħtih il-ħarrub. U meta nieqaf jiġi xi tifel u jgħidli: Iss! Lil dak tajtu! Lili ma tridx tagħti! U x'tagħmel! Tħallih bil-ġuħ? U kemm tajt ħarrub! U ma kontx inżommilhom flus tafx! Risq u barka! U kelli nġib il-pulizija imbagħad imma. U begħtu dan il-ħarrub. Dan kien l-ewwel negozju li għamilt kbir. U t-tfal baqgħu ġejjin... tini ħarrubu... tini ħarrubu... Kien sold ħarrubu! Imma jien ma żammejt sold lil ħadd. Issa żżejjed kont ngħidilhom! Issa żżejjed! Ħalluni bi kwieti issa! Jaħasra... jien lit-tfal minn dejjem kont inħobbhom. U tħoss hux...

Għall-aħħar tal-gwerra, reġa' bagħat għalih il-Markiż Barbaro Sant u qallu biex jibda jqassam is-sapun bir-raxin lil tal-ħwienet. Skond ma jkollu fuq il-karta kien iqassam lil tal-ħwienet. Ġużeppi jiftakar li kienu jkunu kaxxi kbar u tqal tgħidx kemm. Ikissrulu daħru kienu. U kien jitħallas disa' soldi kull kaxxa li jqassam.

Dan ix-xogħol kien ta' tbatija u ma xtaqx ikompli. Imma l-Markiż qallu jieħu paċenzja. Ftit sabar u l-folja tinqaleb, kien qallu. U hekk kien. Fid-dinja kull ħaġa trid oħra. Kienet waħda mill-ewwel tagħlimiet li ħa fil-ħajja tan-negozju. Stenna, ftit sabar meqjus, u t-tpattija tasal ma ddumx.

"Reġa' bagħat għalija il-Markiż", kompla jirrakkonta Ġużeppi. "Kien qalli li se jaħtru distributur f'kull raħal biex iqassam xi prodotti bir-raxin lil tal-merċa. U dawn imbagħad iqassmu lin-nies li jixtru minn għandhom. Il-Mosta wieħed, ir-Rabat tnejn, Ħal-Lija wieħed, in-Naxxar wieħed. Mela trid iġġib ix-xogħol mill-Marsa, mix-xatt, u terġa' tmur tqassmu lil tal-ħwienet. Per eżempju inti, Ġużeppi Grech, għandek kaxxa sapun, xkora dqiq, kunserva... kellna tlieta u għoxrin u nqassmuhom.. sa gażażi u termsijiet kellna... Kien hemm karta ngħidulha l-Form 24 per eżempju. Marija Sammut għandha tant sapun tant te, tant kafè tant ħalib, tant salamun, tant zokkor, tant konbif u l-bqija u jien inqassam.

Kont ukoll distributur u kont nitħallas bit-tant, per eżempju zokkor, sold ir-ratal. Dqiq, sikspenz ix-xkora. U dejjem inqassam jien ukoll ma' Karmnu, konna mmorru l-Marsa u kien ikun hemm l-oħrajn, Borg Aquilina, iż-Żundajru ta' Birkirkara, il-Lekkuku... kulħadd għar-raħal tiegħu, anki ġobon konna nqassmu u konna naqtgħuh bil-fildiferru u nqassmuh skond il-ħanut. Imma mbagħad inxtħett fuq il-karozzi biss."

## Tal-linja

Ta' min wieħed jara minn din il-ġrajja, il-mixja ftit ftit lejn il-binja mhux biss ta' negozju fiss, iżda aktarx ta' mod ta' ħajja, mod ta' għajxien li dal-bniedem dara fih. Ta' min wieħed jinnota kif minn ħaġa tasal oħra. Xejn sod. Xejn stabbli. Kollox jista' jtir minn waqt għall-ieħor. Ir-riskju li jidra jgħix fih. Il-kuraġġ li jidra jsib ħalli jħares dejjem 'il quddiem. U hu dan kollu naħseb li mhux kulħadd lest li jaċċetta f'ħajtu. Ir-riskji.

ikompli paġna 48


PARAMOUNT GARAGES

257, Constitution Street,
Mosta




*Malta's Largest Bus Hire Fleet including Mini Buses & Chauffeur Driven Cars*

*General Hire Service*

Tel:
432001, 410220
411193

Fax.
412187

# Ġużeppi Grech

minn paġna 47

"Kont qiegħed inlesti t-trakk biex immur bir-raxin u ġie wieħed u qalli; "Ġużeppi, għandi trakk tal-linja fuq Bormla nbigħhulek?" Kien it-3217. Qalli rrid sbatax-il mija. Għidtlu nagħtik ħmistax. U kkurdajna għal sittax-il mija. U kelli xufier u kunduttur fuqu u jaħdmuli huma. U hekk bdejt ftit ftit nixtri u nbigħ ix-xarabanks. Kelli wieħed ċertu Salvu Deguara, il-Gabudier, Alla jaħfirlu u kien jgħidli, neħħuh dak. Għandna ieħor jekk trid. Kont immur għand Pinu n-Nugex ta' Birkirkara. Ġieli xtrajt minn għandu u ġieli begħtlu, insomma dik il-ħajja b'tal-linja."



Waħda mill-ewwel karrozzi tal-linja li kellu l-Paramount hawn il-Mosta

Darba kien hemm lavrant, ċertu Karmnu Fenech u lil Ġużeppi għarrfu li kien hemm trakk il-Mosta għall-bejgħ.

"It-trakk tal-Ħajsu Ġuż!" qallu. "Għax ma tidħollux? Magna Brockway, trakk sabiħ..."

Ġużeppi tħajjar għat-trakk tal-linja li kien jaħdem fuq il-Mosta bin-numru 3252. Ġużeppi xtrah u fuqu xeħet lill-istess Karmnu Fenech. Kellu miegħu kunduttur u filgħaxija kienu jġibuli l-flus.

Minn trakk ġie ieħor, minn permess ġie ieħor, daqqa jixtri, daqqa jbigħ. Imbagħad beda jaħdimhom hu stess. Fil-garaxxijiet kbar li bena beda mbagħad jarma bil-ħaddiema li kapaċi wkoll jibnu t-trakkijiet tal-linja huma stess. U hekk beda jsir.

"Imma jien kelli moħħi dejjem hemm," qalli. "Jien minn dejjem kont dilettant tan-negozju. Imbagħad bdejt nixtri wkoll il-qamħ, u daqqa x-xgħir minn għand il-bdiewa fis-sajf u anki demel xtrajt. Kont nixtri d-demel minn Santa Venera u nbigħu l-Mellieħa. Xkora daqshekk tafx! U kont naqla' sikspenz-ix xkora. Trid timlieħa, tgħabbiha, twassalha... Kelli lil Karmnu Busidi l-ħin kollu miegħi.. Kien qisu ħija Karmnu. Lil Karmnu kont nibagħtu nhar ta' Tnejn il-Bank il-Belt għax il-bank hemm biss kien hemm u kien jieħu borża liri dik il-ħabta tafx! U kont nafdah b'għajnejja magħluqin. Kien imur għand l-iskrivan ċertu Gusman, missier il-kantant Gusman. U lanqas jgħoddu l-flus dak il-ħin ma kienu għax qatt ma kien ikun hemm sitt ħabbiet nieqsa!

ikompli paġna 49

JET SERVICES
INTERNATIONAL FREIGHT FORWARDERS
Groupage Service
ITALY
U.K.
SPAIN
USA
AUSTRALIA
TURKEY
CHINA
HONG KONG
REGULAR
24hrs Customs Clearance & Delivery Services
T 244725 – 244734
F 244761
M 0949 8919

# Ġużeppi Grech

minn paġna 48

"Mhux minn dejjem kienu jgħiduli hekk tafx," qalli. "Jiena Ġużeppi ta' Leone kont qabel, għax missieri kien jismu Leone imma mbagħad qalgħuhieli l-Paramount. Kont għamilt xarabank ġdid il-garaxx tiegħi, ħadimhuli lavrant tiegħi, kien jagħmel kollox hu, Karmnu Sammut, iż-Żerżur, intelliġenti ħafna u dan it-trakk tant ġie sabiħ! Kien lussuż, bis-saqaf tal-kewba, kien fuq Birkirkara. Jien kont insemmi kollox *Assumption* għall-Madonna. Imbagħad kien hemm ir-raġel t'oħti u qalli, "Kemm hu sabiħ dan ix-xarabank!" U ġġennen fuqu! U riedni nbiddillu ismu u nagħmillu isem mhux bħall-oħrajn. Qalli dan Żaren, għax Żaren kien jismu, għax ma ssemmih Paramount! Kien għadu ġej min-New York u kien mimli bil-Paramount tat-*talkies.*

Lili għoġobni u mort għand Pawlu ż-Żebbiegħ ta' Ħal Tarxien u għidtlu biex ibiddillu ismu!' Qalli, "Daż-żgur! Mhux hekk! Ma tafx kemm fih xogħol!' Għidtlu , "Mela kemm fih xogħol !' Qalli, "Għadni kif għamiltu! Ma tarax mhux sa noborxu ara kemm ġie sabiħ!' Għidtlu, Iva kemm trid biex tibdlu? Kemm fih xogħol? Qalli li fih ħames liri xogħol!' Għidtlu; Issa qalbi tiksirilix! Ħa l-ħames liri u obrox kollox u ikteb Paramount! Hekk hi x-xewqa tiegħi issa!' Qalli: Imma jaħasra għax m'għidtlix qabel!... ara x'żewġ wardiet fih u se jkolli nobrox kollox nerġa'! Imma ħallastu minn qabel u pinġa Paramount. U baqgħetli tal-Paramount sal-lum! Dan ġara fl-1944. Imbagħad xtrajt *private*, it-208 u bdew ġejjin każini tal-futboll u iktar xogħol. U dejjem jien ridt naħdem. La ridt skrivani u ħadd. U jien dilettant tal-kaċċa imma dejjem moħħi fin-negozju kien..."

## Karmni ta' Sprettu

Ix-xamma tajba tan-neguzjant trid titħallat sewwa ma' ħsieb tajjeb f'ras iebsa li ma tiddejjaqx tistenna. Imma r-ras iebsa trid titgħallem ukoll tirtab fil-waqt eżatt biex in-negozju li jkun qiegħed ixomm ma jisfrattax u jintemm kif xieraq u b'wiċċ il-ġid l-ewwel nies għalih stess.

Dan kollu Ġużeppi Grech il-Paramount nistħajjel li għixu għomru kollu. Iżda l-aktar li kellu jagħraf x'negozju kellu jsir kien sewwa sew meta ltaqa' ma' martu Karmni, Alla jaħfrilha.

"Karmni kienet minn Ta' Sprettu li kienu min-Naxxar," qalli Ġużepp. "Hi kienet bir-raxin. U f'xit-tlieta bdew ġejjin in-nies għand tal-ħanut biex jixtru. U darba ġiet din Karmni mal-kuġina tagħha, kienu xissagħtejn u nofs. U qaltli li ġiet għall-kunserva! Għidtilha li issa mhux ħin. U ma tajthiex. U ġġieldet miegħi u qaltli li jien dejjem magħluq. U qaltli li se tmur tirrapurtani. U marret għand il-Protection Officer Gollcher. Bagħat għalija u qalli li kienet marret Karmni Xerri għandu tirrappurtani. Konna ġġilidna sewwa ma' Karmni! Imma mbagħad kien hemm dak li ġigħelni nixtri t-3252, Karmnu Katusu u qalli: Xi trid tiġġieled! Dik tifla tgħodd għalik ċuċ! Sbejħa, sinjura...' U jien għidtlu mur għidilha. U mar qalilha veru! U rranġalna u niltaqgħu San Tumas. U żżewwiġna fil-gwerra u kellna tieġ mill-kbar! Dak ikel li kien hemm! Kelli xi tmintax-il sena jien. Imma fit-tieġ inqata' d-dawl u kulħadd beda' jgħaffeġ u jiekol kemm jiflaħ! Daqs kemm kien hawn ġuħ!"■

*Paul P. Borg*





Jupiter MARINE CENTRE

Constitution Street, Mosta

Tel: 412572 433204 Fax: 412399